MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1146/2003

**BIM Limited**

**vs**

**Maha International Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Gunju, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tmienja u tmenin lira Maltin u ghoxrin cenetzmu (Lm188.20) rappresentanti prezz ta' ghamara mibjugha u ikkonsenjata lis-socjeta konvenuta fuq inkarigu taghha stess, skond kif jirrizulta mill-istatement anness ma'l-avviz u immarkat bhala Dokument A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 2 ta’ Ottubru 2001 u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex s-socjeta konvenuta iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2003 meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mija u tmienja u tmenin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm188.20), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali datata 2 ta’ Ottubru 2001 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------